# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 23 ta' Lulju, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 862/2019 TA**

**Air Malta plc (C 2685)**

**vs**

**Airline Pilots Association (Malta)(ALPA) u Domenic Azzopardi ID 311766M; Carmel Borg Giuliano ID 138574M; Stephen Schembri ID 52884M; Byron Fenech ID 237984M; u Matthew Degiorgio ID 34481M, f'isimhom propriju u b'digriet tal-5 ta' Lulju, 2019 ġiet awtorizzata ż-żieda tal-kliem "jew fil-kapaċita` rapprezentattiva tagħhom fl-interess tal-Assoċjazzjoni intimata"**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Soċjeta' Rikorrenti tal-1 ta' Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Lulju 2019;

Rat ir-Risposta tal-intimati tal-5 ta' Lulju 2019;

Rat id-Dokumenti kollha esebiti fil-kors tas-smiegħ ta' dan ir-Rikors;

Rat l-atti kollha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u ċioe' lil Emvic Debono, Paul Sies u Matthew Degiorgio fis-seduta tal-5 ta Lulju 2019;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta msemmija.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel ma jrid jingħad hu li f'dan l-istadju ma hux obbligu tal-Qorti li teżamina l-mertu fil-fond, għaliex dan huwa xogħol dik il-Qorti li ser tkun qed tieħu konjizzjoni tal-Kawża li ssir għaldaqshekk, jekk ikun il-każ. F'dan l-istadju l-eżami li għamlet il-Qorti kien wieħed biex jikkonvinċiha jekk mad-daqqa t'għajn, il-jeddijiet tas-Soċjeta' Rikorrenti jistħoqqilhomx li jkunu kawtelati bil-ħrug tal-mandat (**Ara Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et PA deciza 10/5/2001**).

Il-Qorti wara li fliet b'reqqa l-provi mressqa u kif ukoll dak li ntqal mill-istess partijiet, eżaminat id-dokumenti esebiti, u semgħet ix-xhieda prodotti miż-żewġ naħat, hija tal-fehma li s-Soċjeta' Rikorrenti irnexxielha tipprova li *prima facie* għandha jedd x'tipproteġi fit-termini ta' dak li trid il-liġi u ta' dak li jgħallmu dawn il-Qrati, u li għalhekk jesistu l-elementi kollha sabiex jinħareg mandat ta' inibizzjoni. (ara **Qorti tal Kummerċ – 26 ta` Mejju 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-**

**ismijiet "Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387**).

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' Rikorrenti.

Fl-aħħar nett il-Qorti jidhrilha li kwantu jirrigwarda lill-intimati l-oħrajn, li ġew indikati fil-vesti personali tagħhom, anke fid-dawl tal-verbal li sar fl-aħħar udjenza, qua uffiċjali tal-Assoċjazzjoni intimata, dawn qegħdin f'dawn il-proċeduri fil-vesti rappresentattiva u unikament fl-interess tal-Assoċjazzjoni intimata. Għalhekk ai fini ta' dawn il-proċeduri ser jitqiesu biss f'din il-kwalita' rappresentattiva tagħhom.

**<u>Digriet</u>**

Għaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li qegħdha tikkonferma l-ordni provvisorja tagħha tal-1 ta' Lulju 2019, qegħdha tipprovdi definittivament billi tilqa' t-talbiet tas-Soċjeta' Rikorrenti kif kontenuti fir-rikors tagħha, li ukoll iġib id-data tal-1 ta' Lulju 2019, u tordna għalhekk, il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra l-Assoċjazzjoni intimata u l-intimati l-oħrajn, dawn tal-aħħar fil-kapaċita' rappresentattiva tagħhom, fl-interess tal-istess Assoċjazzjoni u dan sabiex l-intimati kollha jigu inibiti u miżmuma milli jagħmlu dawk il-ħwejjeġ kif mitlub fir-rikors tas-Soċjeta' Rikorrenti hawn imsemmi, mertu ta' dawn il-proċeduri.

Spejjeż a' karigu tal-Assoċjazzjoni intimata.

**Moghti kameralment illum, 23 ta' Lulju, 2019.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**